B 2577
*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,362, 17 ta' Diċembru, 2024*
*Taqsima B*

**A.L. 342 tal-2024**

## ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

### Ordni tal-2024 dwar Standard Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru responsabbli għall-impjiegi u r-relazzjonijiet industrijali, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, għamel dan l-ordni li ġej:-

**1.** (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2024 dwar Standard Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali. Titolu u bidu fis-seħħ.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2025.

**2.** F'dan l-ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"Att" tfiser l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali; Kap. 452.

"Ftehim" tfisser in-National Agreement on the Minimum Wage Recommendations by the Low Wage Commission iffirmat fil-25 ta' Ottubru 2023 bejn il-Gvern, it-trade unions u organizzazzjonijiet ta' prinċipali kif rappreżentati fil-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali.".

**3.** L-inqas paga nazzjonali fil-ġimgħa għal ġimgħa normali ta' xogħol għandha tkun skont l-istess Ftehim kif ġej: L-inqas paga nazzjonali.

Ta' età tmintax (18)-il sena u fuqhom ..........€221.78

Ta' età sbatax (17)-il sena ..........................€215.00

Ta' età taħt is-sbatax (17)-il sena ...............€212.16

**4.** L-inqas paga nazzjonali ta' impjegati part-time għandha tkun ikkalkulata *pro rata* bl-istess rata fis-siegħa ta' impjegat komparabbli whole-time li tkun tapplika skont l-inqas paga tal-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi rilevanti, jew f'każijiet fejn Ordni tal-Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi ma tkunx tapplika, b'rata fis-siegħa li ma tkunx anqas mill-Inqas Paga Nazzjonali Standard li Impjegati part-time.

tkun tapplika, kif stabbilita skont l-artikolu preċedenti u diviża b'erbgħin (40).

Ordnijiet tal-Kunsilli tal-Pagi li jirregolaw il-Pagi.

**5.** Meta kwalunkwe Ordni tal-Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi jkun japplika għal xi impjegat, il-pagi li jitħallsu lil tali impjegat fir-rigward tal-2025 ma għandhomx ikunu anqas minn dawk stabbiliti b'tali Ordni tal-Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi applikabli għal 2024, aġġustat għall-għoli tal-ħajja b'xi żidiet ta' pagi dikjarati bħala li jkunu ġeneralment applikabbli għall-impjegati whole-time kollha skont l-artikolu 8 tal-Att, jew b'xi żidiet fil-paga għall-għoli tal-ħajja stabbilita b'xi ordni ta' standard nazzjonali applikabli fir-rigward tal-2025.